MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2012

Appell Kriminali Numru. 363/2010

**Il-Pulizija**
**(Spt. Alexander Grech)**
**Vs**
**Kelly Dimitri**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-14 ta' April, 2007 ghall-habta ta' xi 12.45 pm waqt li kienet fi Triq Sta. Margerita, Bormla

a) b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghha, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti filwaqt li kienet qeghda ssuq u/jew kellha fil-kontroll tal-vettura bin-numru AAJ 062 ta' ghamla Peugeot, ikkagunat il-mewt ta' Jean Philippe Castellano ta' Nazzjonalita` Franciza u dan bi ksur tal-artikolu 225, tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, saqet l-istess vettura b'manjiera traskurata, negligenti u perikoluza;

c) saqet b’sewqan eccessiv.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-15 ta’ Lulju, 2010, li biha, wara li rat l-artikoli 225, 17, 23, 31 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikoli 15(1)(a) u (2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll ir-regolamenti 54, 55, 57 u 127 tal-Avviz Legali 129 tal-1994, ma sabitx lill-appellata hatja u ghaldaqstant illiberatha.
Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-appellata.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fis-6 ta’ Awwissu, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara li ma sarx apprezzament xieraq tal-provi, u tiddeciedi l-mertu tal-kawza mill-gdid u ssib lill-appellata imputata hatja tal-akkuza migjuba kontriha.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellata esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti huma s-segwenti w cioe':-
Illi l-Ewwel Onorabbli kellha ssib htija a bazi tal-provi u evidenza skjacanti u li ma kien ebda dubbju dettat mir-raguni dwar il-kommissjoni u l-konkluzjonijiet tar-reat li wasslu ghal-mewt qabel iz-zmien tal-vittma minhabba n-nuqassijiet ta’ l-appellata imputata.

Illi huwa principju legali li d-*duty of care* huwa l-obbligu tas-sewwieq li jkun *a proper look out* u li jiehu l-passi adegwati u responsabbli sabiex jaghmel dak kollox sabiex issuq b’mod adegwat u li ma jkunx ta’ periklu ghall hadd. Illi fil-kaz in kwistjoni, l-appellata imputata kienet ilha li rat lill Jean Philippe Castellano – tant hu hekk li wara li kien nizel mill-bankina kien diga lahhaq wasal sa nofs it-triq li hija wiesgha meta tajjritu.

Illi d-*duty of care* u diligenza ta’ l-appellata imputata tant kien nieqes li infati hi qatt ma ghafset il-*brakes*, jew uzat l-

handrbrakes, paqpet il-*horn* jew hadet ebda pass responsabbli u legali hlief li kisret iktar regoli u kwazi giet *head on* mat-vettura ohra.

Illi tant kientet b'sahhitha d-daqqa li r-ragel, b'statura u fizika b'sahhtu, li ma kellu ebda debolizza fizika jew dghjufija partikolari, spicca *"bejn zewg u tlitt metri 'l boghod minn fejn waqfet il-vettura tal-imputata".* Illi l-vittma ma l-ewwel tkarrab bid-daqqa u tant kien impatt qawwi li wasslet ghal-mewt tieghu fi ftit zmien minghajr qatt ma kien rega gie konxxju. Illi minn hawn naraw u nifhmu kemm kien impatt qawwi u jinftiehem dan il-punt meta nqiesu li l-appellata imputata kienet qed timmanuvra il-karozza bis-salt biex tevita li tolqot vettura ohra u peress li ghamlet din il-manuvra minn fuq *wrong way* ghal fuq taghha kienet qed taghmillha bis-sahha.

Illi huwa fatt mhux kontestat li meta l-appellata imputata rat lill-vittma, minflokk waqfet jew naqqset il-veolocita' taghha, iddecidiet li ma taghmel xejn minn dan u minflokk, iddecidiet li issuq illegalment fuq in-naha l-ohra tat-triq – bil-konsegwenza li kienet tidhol *head on* fuq il-vettura l-ohra li kienet gejja mid-direzzjoni opposta. Illi regghet ghamlet manuvra sabiex terga tigi fuq id-direzzjoni koretta tat-triq u dahlet dritt gol-vittma li kien wasal sa nofs it-triq. In fatti mill-pjanta tal-perit nominat Richard Aquilina jidher li l-*point of impact* kien fin-nofs tat-triq.

Il-fatt li l-vittma intlaqtet mill-gemb jidher bic-car li l-mejjet ma kellux daru lejn il-vettura kif provat timplika s-sentenza tal-Onorabbli Qorti, imma is-stat ta' fatt reali kien li Jean Philip Castellano kien fil-process normali li jaqsam it-triq u b'hekk l-ewwel impatt tal-vettura kien fuq nahha wahda ta' gismu u mhux f'daru.

Il-qorti tghid *'aktarx li hu kien daru lejn il-vettura'* bhala l-bazi ta' l-ipotesi taghha biex titfa r-responsabilita tan-negligenza ta' l-appelata imputata fuqu meta minn imkien ma jirrizulta dan is-stat ta' fatt u huwa irrelevanti u ezercizzju li jtellef il-vera rickerka tal-gustizzja meta jidher bic-car li l-mejjet kien qieghed jaqsam bi pass normali, kien wasal sa nofs it-triq li hija wiesgha, u dawn il-fatti qatt

ma jistghu jbiddlu l-fatt intrinsiku li l-appellata imputata kienet qeda issuq hazin, zbaljata, b'mod ferm traskurat u negligenti u tajjritu minghajr ma hadet ebda prekwazzjoni.

Illi l-ewwel Qorti stess fis-sentenza irrimarkat li *"Il-vettura ma kellha ebda hsarat, u l-"brakes" kienu jiffunzjonaw tajjeb **hafna**"*

[emfasi ta' l-esponent]

Izda minkejja din l-osservazzjoni, l-ewwel Qorti kompletament naqqset milli taghti l-importanza kbira ta' din is-stat ta' fatt u l-fakulta li kellha li tevita dan l-incident tragiku u fatali.

Illi l-ewwel Qorti stess irrimkarat li *"ghal xi raguni, l-imputata ma zammetx "brake" izda ppruvat tevita lill-vittma billi ddur lejn il-lemin taghha, ghal **nofs it-triq**, u **taqsam il-linji bojod kontinwi, haga li ma setghetx taghmel** minhabba fil-vetturi gejjin lejha mid-direzzjoni opposta".*

[emfasi ta' l-esponent]

Il-Qorti ukoll tosserva li l-velocita' tal-imputata ta' vicin id-29 mil fis-siegha / 50 kilometru fis-siegha, kienet *tali biex l-imputata setghet taghmel manuvri ohra jew taghfas il-"brake"biex tieqaf."*

Illi l-appellata imputat kienet ghan-nizla u kellha bizzejjed zmien u cans sabiex tiehu l-prekawzjonijiet mehtiega, iktar u iktar meta ma l-art kien hemm diversi sinjali tat-toroq jghidu "SLOW" sabiex tnaqqas il-velocita' kif jidher ukoll ampjament car mir-ritratti mehuda minn PC 186 K. Mintoff (vide ritratt 07AVD 104)

Illi l-appellata imputata stess tammetti li ma hadetx il-passi mehtiega u kienet negligenti ghall-ahhar fis-sitwazzjoni li rinfaccjat. Fl-istqarrija taghha, l-appellata imputata tistqarr:

*“Jien kont niezla u rajt ragel f’nofs ta’ triq. Biex niskappah ersaqt lejn nofs it-triq biex nevitah u gejt fuq barra tal-karreggjata. Huwa kien sejjer lejn in-naha tal-knisja ta’ Santa Tereza u ma stajtx nigbed ‘il barra aktar minhabba li kienet tielgha karozza ohra min-naha l-ohra. Huwa habat mal-windscreen u waqa’ u jien waqaft ftit ‘l isfel.*

Illi minn din l-istqarrija, ffirmata mill-appelata imputata, li ttiehedet tlett ijiem wara fl-14 ta’ April 2007 u b’hekk kellha z-zmien kollu tirifletti fuq dak li rat u semghat, imkien ma jirrizulta li l-appellata imputat setghet kienet konfuza jew incerta mill-passi tal-vittma u jirrizulta b’mod car minghajr ebda dubju li kien frott ta’ negligenza u decizjonijiet taghha li wasslu ghal mewt tal-vittma.

Illi fl-istqarrija ta’ l-appellata imputata hi stess tammetti li ratu u huwa fatt semplici u car li r-raguni kollha ta’ ghalfejn safa mejjet il-vittma kienet minhabba li l-appellata imputata uriet negligenza u traskuragni mill-kbir nett. L-apellata imputat kellha tieqaf u taghfas il-*brakes*, jew tnaqqas il-velocita’ u mhux li tibqa ssuq minkejja li kienet ser taqbez ghan-nahha l-ohra tat-triq u zzid il-periklu u l-ksur tar-reogli.

Illi l-espert Mario Buttigieg gie nominat bhala perit tekniku sabiex jaghmel ezami tal-kundizzjoni tat-triq, tal-karozza, investigazzjoni u rikonstruzzjoni ta’ kif sehh l-incident. Fir-rapport tieghu jirraporta dwar l-ammissjoni ta’ l-appellata imputata li qatt ma naqqset il-velocita, qatt ma ghafset jew ghamlet uzu mill-*brakes*, rat il-vittma min distanza izda qatt ma hadet passi kif kellha tiehu sabiex tevita l-incident.

Illi fl-istess rapport ta’ Mario Buttigieg, l-espert li qabel kien spettur mal-pulzija u ghandu hafna esperjenza fuq investigazzjonijiet u li anke segwa u gab kwalifiki minn gewwa l-Ingilterra dwar ix-xoghol tieghu, jispjega l-uzu ta’ Searle’s method ta’ kif sar l-incident u kif ukoll ir-responsabilitajiet u d-doveri tas-sewwieqa.

Fl-istess rapport jigi spjegat kif *“hi kellha d-dover li tnaqqas il-velocita u anki tieqaf meta raghat il-pedestrian f’nofs it-triq. Gie stabbilit kemm mix-xhieda taghha stess*

*u anki mix-xhud okulari illi minflok naqqset il-veolcita' Dimtri bidet tigbed fuq in-naha tal-lemin ta' triq il-vettura taghha u hallietha bl-istess velocita'. Il-Malta Highway Code regulation 25 jghid "keep well to the left". Illi gie stabbilit li Dimtri ma haditx "a proper look out" ghal dak li kien hemm quddiemha. Gie ritenut mill-Qrati taghna li… "Hu dover ta' "driver to see what is in plain view." (App. Kriminali "Il-Pulizija vs. Joseph Vella <10.08.1963> u li ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara, ifisser li ma kienx qed izomm "a proper look out" (Appell Kriminali "Il-Pulizija vs. J.M. Laferla <17.06.1961>. "Keeping a proper look out means more than looking straight ahead. It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road passing through a built up areas, of the pavements on the side of the road as well". (Newhaus vs. Bastion Insurance Co. Ltd" <1968.>)*.

Illi l-ewwel Qorti stess tikkonferma li *"it-triq kienet xotta, il-visibilita' kienet cara u l-vizwali tat-triq kienet tajba kemm ghall-imputata kif ukoll ghall-vittma".*

Illi fix-xhieda ta' PS 78 Carmel Cassar jikkonferma li *"ma kien hemm xejn"* sinjali ta' **brakes**.

Illi fil-process verbal numru 187/08 irrizulta *"Illi s-sistema tal-brakes ta' din il-vettura instabu waqt il-provi tal-espert li jiffunzjonaw mija fil-mija tajbin……. Illi l-espert ma sab l-ebda hsara teknika fuq l-istess vettura li minhabba fiha seta' gie kkagunat l-incident".*

Illi di piu jirrizulta li l-appellata imputata f'ebda cirkostanzi ma missha ghamlet il-manuvra li ghamlet stante li Triq Stanta Teresa f'Bormal fejn sar l-incident in kwistjoni *"hemm 'double white line' li jaqsam il-karreggjati fi tnejn, wahda li taghti fid-direzzjoni ta' Bormla u cioe' minn fejn kienet nizla' l-vettura AAJ-062…. U l-ohra li taghti fid-direzzjoni opposta u cioe' minn Bormla taghti lejn il-Birgu".*

Illi fl-istess process verbal, Il-Magistrat Inkwirenti jikkonkludi li *"s-sewwieqa tidher li write nuqqas ta'*

*professjonalita' fis-sewqan.* ***<u>Ghalhekk il-Magistrat Inkwirenti jtendi li jaqbel mal-konkluzjoni ta' l-Espert Mario Buttigieg</u>".***

[emfasi ta' l-esponent]

Illi l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha tiggustifika illiberazzjoni assoluta ta' l-appellata imputata billi titfa l-htija fuq il-vittma minhabba li skond hi u l-fehma taghha dwar x'inhu l-istint naturali, il-vittma missu prova jilqa' ghad-daqqa billi johrog idejh u li dan kien ikun ppruvat skond l-ewwel Qorti b'xi marka ta' fingerprints li kieku vera hareg idejh biex jilqa ghad-daqqa tal-vettura!

Illi kwalunkwe pawza li seta kien hemm mill-vittma, li ghalihom taghmel hafna referenzi l-ewwel Qorti biex issahhah is-sentenza tal-liberazzjoni certament tista tigi abbriwita ghal-*shock* li qieghed jara karozza gejja ghal fuqu minghajr ebda hsieb li tieqaf. Illi l-fatt krucjali li mhuiex ikkontestat huwa d-direzzjoni li kien miexi l-vittma u dan huwa ppruvat mill-fatt li kien diga wasal sa nofs it-triq.

Illi x-xhieda ta' Shirley Refalo hija cara u hi stess tghid li l-vittma *"**<u>Mal-ewwel rega' nizel mill-bankina, qasam nofs it-triq</u>** u kif kien f'nofs tat-triq tajritu karozza ta' kulur iswed, li kienet misjuqa minn mara. Il-vettura li tajritu kienet nizla fid-direzzjoni opposta tieghi u rajtha tipprova tevitah ghax hsibtha diehla go fija."*

[emfasi ta' l-esponent]

Illi din ix-xhieda ta' Shirley Refalo turi li meta l-vittma rega nizel mill-bankina ma kienx f'stat ta' fixla u kien miexi bi pass biex jaqsam it-triq. Huwa propju hawnhekk li l-espert Richard Sladden zbalja u wasal ghall-konkluzjoni inezisteni li minnha l-ewwel Qorti strahet fuqu bhala l-punt tal-liberazzjoni.

Illi minn imkien ma jirrizulta li l-vittma kien mifxul bil-mod esagerat li ghaliha strahet tant l-ewwel Qorti biex tiggustifika l-liberazzjoni assoluta ta' l-appelata imputata.

Illi x-xhud Joseph Gatt jghid:

*"he stated to have seen the pedestrian who was walking below the pavement on the street towards the regatta club on the other side of the road, he continued to state that he saw the drive of the Peugeot car had noticed the crossing pedestrian and took to her right so as to avoid same. Witness continued to state that he pedestrian **continued** to cross the road but did not cross straight ahead but took the direction of the Cospicua centre.*

[emfasi ta' l-esponent]

L-istess xhud ikompli jghid:

"*When asked by the police if he heard any brake noise compl. Stated that he did not hear any brakes."*

*"Witness stated that he had seen the pedestrian being hit by the passenger side area bonnet and was thrown onto the windscreen and then was thrown above the vehicle. Witness added that according to what was seen, in his opinion, if the driver had kept onin he way and did not try to avoid the crossing pedestrian the accident would not have occurred. This version of events was corroborated by witness's son Charlton Gatt…"*

Illi dawn l-argumenti ta' l-ewwel Qorti assolutament ma ssibux posthom fil-kamp legali u huma konkluzjonijiet instabbli, vagi u b'kull rispett analizi erronji u huwa mod skorett ta' x'titob il-procedura kriminali, il-ligi u d-diversi sentenzi ta' l-Onorabbli Qorti ta' kif kellha tasal ghal-verdett taghha l-ewwel Qorti u dan iktar u iktar meta l-Qorti stess fis-sentenza taghha turi li hi stess mhix certa minn dak li qeda tikkonkludi bl-uzu frekwenti tal-kliem "*tippresumi", "tassumi", "aktarx", "tista' tispjega", "Jista' jkun",* matul l-interita tas-sentenza.

Illi b'kull rispett, l-ewwel Qorti tasal anke sal-punt li tghid li l-vittma peress li kien Franciz seta kien konfuz minn fejn kellha tigi l-karozza minghajr qieset li l-istess vittma kien

qieghed oringalment fuq il-bankina, fuq *bus stop* jistenna tal-linja – allura certament la kien qieghed fuq *bus stop* jistenna tal-linja kien jaf id-direzzjoni tat-traffiku! Izda, u hawn jerga jigi emfazzizat il-punt, matul is-sentenza shiha minn imkien ma hemm ezami tal-intenzjoni u l-atti ta' l-appellata imputata.

Illi minn imkien ma jirrizulta li l-ewwel Qorti ghamlet ezami tal-ligi, tar-rekwiziti tal-artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Kapitolu 65. Minn imkien ma jirrizulta li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament legali, jew studju tas-sentenzi simili li minnhom hemm ammont kbir jew ta' awturi legali li kitbu fuq dan it-tip tar-reat. L-ezercizzju ta' l-ewwel Qorti bhala gudikant legali li ghandha taghti verdett a bazi tar-rekwiziti legali huwa kompletament nieqes u minnflokk jirrizulta biss *sketch* superficjali ta' l-avveniment.

Illi l-ewwel Qorti minflokk ezaminat l-azzjonijiet ta' l-appellata imputata hekk kif kellha taghmel, tibazza l-interita tas-sentenza kollha fuq ipotesi ta' x'setghu kienu l-hsiebijiet tal-vittma li f'dak il-hin certament inhasad b'karozza gejja direttament ghal fuqu, tipprova ddur madwar l-passi tieghu meta finalment din tista tkun biss kongettura stante l-istess vittma illum sfortunatament qatt ma jista jirrakonta x'gara fi kliemu stess, minghajr ebda hsieb li finalment ddur direttament ghal fuq l-attegjament ta' l-appellata imputata.

Illi s-sewwieq ghandu responsabilita ferm gholja. Vettura tista tkun arma li tista tikkaguna hafna hsara u sahansitra l-mewt jekk l-uzu taghha huwa abuzat jew ikkontrollat minn sewwieq irresponsabbli.

Illi fis-sentenza ta' l-ewwel Qorti, gie iddikjara li r-raguni ghalfejn kienet qeda tistrieh fuq ir-rapport ta' Dr. Sladden u mhux ta' Mario Buttigieg kien primarjament minhabba li skond il-fehma taghha Mario Buttigieg *"ma sema' l-ebda xhud"* u li kull ma ghamel kien *"li ghamel referenza biss ghal dak li gie rapportat fl-okkorenza tal-Pulizija".* Mentri dan m'huwa xejn minnu, kif jidher mid-diversi stqarrijiet tul ir-rapport u l-konkluzzjonijiet fl-istess rapport fejn Mario

Buttigieg jghid: "…*l-esponent wara li ezamina bir-reqqa l-evidenza li kien hemm fuq il-post, ha in konsiderazzjoni x-xhieda relatata li taw kemm is-sewwieq u kemm Vella li kien ghaddej dak il-hin u wara li ghamel ir-rikostruzzjoni neccessarja giet stabbilitha d-dinamika ta' kif sehh l-incident…".*

Illi l-konkluzjoni ta' l-istess espert ma halliet ebda dubju dwar il-verdett korrett li kellha tasal ghalih l-ewwel Qorti fejn l-espert stqarr:

*"Jirrizulta b'mod **lampanti** li minflok Dimitri waqfet hi ippruvat tevita lil Castellano billi tigbed l-isteering fuq in-naha tal-lemin ta' triq. Peress li hi ma setghatx tkompli ghaddejja f'din ir-rotta peress li kienet gejja karozza mid-direzzjoni opposta. **Ghaldaqstant il-vettura baqghet diehla gol-vittma minghajr ma gew applikati l-breakijiet.***

*L-esponent huwa tal-opinjoni illi kien hemm element **kbir** ta' traskuragni fuq in-naha ta' Kelly Dimtri u dank if gie spejgat hawn fuq. Gie stabbilit ukoll li l-ispot of impact kien fin-**nofs ta' triq.**"*

[emfasi ta' l-esponent]

Illi l-espert nominat Dr. Richard Sladden bl-akbar rispett wasal ghal konkluzjoni zbaljata u monka tal-ligi skond il-fatti, u l-ewwel Qorti li kieku ezaminat il-prassi tal-Qorti sentenzi relatati u r-rapport dwar il-fatti tal-kaz ta' Mario Buttigieg kienet tikkonferma kif l-espert Dr. Sladden wasal ghal konkluzjoni hazina.

Illi l-ligi trid tigi interpretata u applikata skond il-fatti. Illi Dr. Richard Sladden, kif jirrizulta car mix-xhieda tieghu, **qatt** ma kien ra l-post meta sar l-incident u **qatt** ra l-vettura, demm, vittma u dak kollu li kellu x'jaqsam ma l-incident allura l-ewwel Qorti kif qatt setghet tistrieh fuq l-interpretazzjoni tieghu meta ma kellux l-evidenza skjancanti quddiemu?!

Illi ghalkemm Dr. Richard Sladden huwa espert legali, l-ewwel Qorti taf ukoll li qatt ma hija obbligata li toqghod mija fil-mija fuq il-konkluzzjonijiet ta' l-istess esperti u li hemm diversi kazijiet fejn esperti legali, medici ecc jigu *challenged* b'mod effettiv, iktar u iktar meta kien gie nominat perit tekniku, Mario Buttigieg li ghamel rikonstruzzjoni ta' l-avveniment u kien iktar ben konsapevoli talfatti kif sehhew.

Illi l-fatti semplici huma li l-vittma kien semplicement qieghed jaqsam normalment minn naha wahda ghal l-ohra tat-triq. L-appelata imputata ma riditx tieqaf u minflokk iddecidiet li tibqa bl-istess velocita izda issuq fuq in-naha l-ohra tat-triq biex taqbzu. Gara li dak il-hin kienet gejja vettura mid-direzzjoni opposta u allura kien ser ikun hemm habta *head on* mal-vettura l-ohra. Biex tevita din id-daqqa *head on,* daret u saqet dritt gol-vittma li kien fil-process li jaqsam.

Illi din l-istess l-ewwel Qorti kienet diga hadet posizzjoni dwar il-fatti li kien erronju u zbaljat meta naqqset fl-istadju tal-*prima facie* u jidher li dan il-pregudizzju u pozzizjoni originali ta' l-ewwel Qorti baqa bhala sfond a ta' din is-sentenza.

Illi minkejja l-provi u x-xhieda hasset li ma kienx hemm bizejjed ghal grad tal-*prima facie*

Illi fid-digriet tal-Qorti Kriminali dwar it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex il-proceduri jitkomplu jitmexxew, l-Onorabbli Qorti stqarret:

*"Illi hu ovvju li l-pedestrain ma tfaccax fit-triq ghall-gharrieda quddiem Dimitri imma biex wasal fejn intlaqat, kien lahaq qasam aktar minn-nofs il-karreggjata wiesgha mil-lemin ghax-xellug taghha u allura hu kien "in plain view" ghaliha u setghet tarah sew minn ferm qabel ma waslet fuqu."*

*Illi s-sewqan hazin, jikkonsistix biss fi speed eccessiv imma jista' talvolta ukoll jirrizulta meta driver jikkommetti dak li in subiecta material jissejjah "an error of judgment",*

*cioe' meta jassumi jew jikkalkola hazing u jiehu riskju li driver prudenti ma jiehu, billi jaghmel xi manuvra inkonsulta fis-sewqan tieghu. Kif gie ritenut fl-Appell Kriminali: "Il-Pulizija vs. Charles Bartolo" [Kollez. Vol. XLIII, iv. p. 1015], fejn gie citat b'approvazzjoni dak li ntqal mill-Qrati Inglizi f'"Simpson vs. Peat" (1952)(All. Eng. Law Rep. p.447) Criminal Law Review. Dec. 1958):-*

*"It is negligence to make an error of judgment that a reasonably prudent driver would not make."*

*Id-diligenza ta' sewwieq ghandha tikkomprendi l-addozjoni ta' dawk il-mezzi li huma addattati biex jigu evitati l-konsegwenzi ta' sewqan hazing ta' haddiehor jew ta' agir inkonsult ta' pedestrian. (App. Krim. "Pol. Vs. Arthur Naudi" (kollez. Vol. XXX, iv. p. 625)*

*Umbaghad il-fatt li l-pedestrian f'dan il-kaz seta' ukoll kien konfuz jew negligenti b'mod li bil-moviment tieghu seta' pprecipita sa certu punt l-incident, ma jfissirx awtomatikament li d-driver ghandu jigi ezonerat mir-responsabbilita' kriminali. Di fatti gie ritenut ripetutament mill-Qrati taghna li f'sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, amenoche' dak li jigri ma jkunx dovut <u>unikament u eskluzivament</u> ghall-htija da parti ta' dak il-haddiehor. (ara. App. Krim. "Il-Pulizija vs. Gaetano Schembri" [16.3.1961]; "Il-Pulizija vs. John Polidano" [3.11.1963]; "Il-Pulizija vs. Rev. C. Mifsud" [Kollez. Vol. XXXVII, iv. p. 1131] u tant u tant sentenzi ohra. Il-"contributory negligence" ma tezonerax lis-sewwwieq jekk ma tkunx hi l-<u>kawza unika</u> tas-sinistru. (App. Krim. Il-Pulizija vs. P. Vassallo kollez. Vol XXXVIII. Iv. p. 883).*

Illi fil-kaz **Wright v. Wenlock** [1971] R.T.R. 228, DC; **Watts v. Carter** [1971] R.T.R. 232, DC. gie enfazzizat il-punt:

*"The facts of a particular case (such as failing to negotiate a bend and hitting a telegraph pole) may be such that, in the absence of any explanation, the only proper inference is that the driving was, at the very least careless".*

Illi jigi relevat allura iktar u iktar meta l-isppjegazzjoni turi sens kbir ta’ traskuragni u negligenza li kellu jinsab htija.

Illi fil-kaz **R. v. Waterfield and Lynn** [1964] 1 Q.B. 164, 48 Cr. App.R. 42, CCA huwa dikjarat li:

*“It is no defence that the defendant drove at somebody who had no right to be in his way.”*

Illi recentement dawn l-elementi legali u procedurali gew trattati u konfermati fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Raymond Borg** ta’ nhar it-3 ta’ Gunju 2010 fejn instab htija u inghatat piena ta’ tmintax il-xahar prigunerija, skwalifika tal-licenzja tas-sewqan u piena u spejjez perizjali.

Illi in vista ta’ dawn il-punti kif hawn dedotti u ppreżentati mill-prosekuzzjoni u li ghad irrid issiru fit-trattazzjoni ta’ dan l-appell, bid-dovut rispett l-esponent iħoss illi l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha provi biżżejjed a bażi ta’ liema ssib lill-appellata imputat ħatja tal-akkużi miġjuba kontrīħa.

Ikkunsidrat.

L-agravju ta’ l-Avukat Generali jikkonsisti filli l-ewwel Qorti kellha ssib htija abbazi tal-provi u evidenza skjaccanti li ma kien hemm ebda dubju dettat mir-raguni dwar il-kommissjoni u l-konkluzjonijiet tar-reat li wasslu ghal mewt ta’ Jean Phillipe Castellano ragel ta’ Nazzjonalita Franciza ta’ l-eta’ ta 58 sena minhabba n-nuqqasijiet ta’ l-appellata.

Irrizulta mill-provi illi fl-erbatax (14) ta’ April, 2007 ghal habta ta’ 12:45pm l-appellata kienet qieghda ssuq il-vettura taghha Puegeot 306 bin-numru JAA 062 fi Triq Santa Margerita, Bormla mid-direzzjoni tal-Birgu diehla lejn Bormla. hekk kif giet ghan-nizla fl-istess triq wara liwja lejn ix-xellug u ftit metri qabel ma waslet ghal quddiem il-knisja ta’ Santa Theresa hija laqtet lil Jean Phillipe Castellano, tajritu bil-konsegwenza illi huwa miet ftit jiem wara. Il-pulizija mxiet kontra l-appellata u akkuzata bil-qtil involontarju ta’ Jean Phillipe Castellano, f’Sentenza moghtija fil-hmistax (15) ta’ Lulju, 2010 (fol

156), il-Qorti tal-Magistrati lliberat lill-appellata mill-akkuzi migjuba kontra taghha. l-Avukat Generali pero'ma qabilx ma din is-Sentenza u nterpona appell ghar-ragunijiet fuq imsemmija.

Ikkunsidrat.

Il-Qorti tibda biex tikkwota mill-Awtur Mario Codagnone mill-ktieb tieghu "Casi Pratici in Materia di Circolazione Stradali" fejn f'pagna 51 jghid: "Riteniamo che allo stato attuale delle cose, si imponga anzi tutto un affermazione di principio: la strada e' di tutti. Essa e' un bene alcui utenza i cittadini tutti sono ammessi con parita' di diritti e di doveri ed oseremo anzi dire con maggiori doveri da parti di coloro che la dominano alla guida di mezzi che, per le loro intrinziche caratteristiche di velocita' e potenza, possono costituire, anche solo per questo, un imminente pericolo per la circolazione." Dan il-principju dejjem gie accettat mill-Qrati taghna ghad illi forsi kien hemm xi temperament fil-kawza fl-ismijiet "Dr. Joseph Schembri nomine vs Nick Casolani" tal-Prim Awla moghtija fid-disgha (9) ta' Gunju, 2005 meta fost affarijiet ohra qalet illi triq pubblika kienet ghal godiment ta' kull utent, kemm karozzi kif ukoll pedestrians. Iizda bhala regola generali l-bankina kienet ghal pedestrians u t-triq ghall-karozzi. Dana wassal lill-Qrati taghna jiddikjaraw illi meta pedestrian jigi mtajjar mit-triq ma hemm l-ebda prezunzjoni kontra s-sewwieq (Qorti ta' l-Appell, Mary Bonello et vs Sylvia Fsadni, hdax (11) ta' Marzu, 1998). Dan il-principju kien ilu jigi osservat mill-Qrati taghna tant illi kaz illi gara fin-1956 "Police vs Aldrige" (Vol XL part IV page 1013) il-Qorti qalet "Although it is the duty of a driver of a motorcar to exercise at all times every care to avoid pedestrians, it is yes, incumbent on pedestrians to refrain from obstructing unduly the transit of vehicles." Kif gie rapurtat fil-kawza Il-Pulizija vs Rev. Vincent Camilleri (Qorti tal-Magistrati erbgha (4) ta' Frar, 1983) "F'Malta ma hemm l-ebda ligi kriminali "ad hoc" li tirregola l-imgieba tal-pedestrian fit-triq, jew li timponi xi obbligu specifiku li l-pedestrian mistenni li josserva; hemm biss il-principju generali li kull min juza t-triq ghandu drittijiet u ghandu doveri u ghandu juza l-kura mehtiega biex ma johloqx

ghall-utenti ohra tat-triq sitwazzjonijiet ta' periklu jew emergenza." Ghalhekk, ghal dawn l-obligi u doveri tal-pedestrian irridu nirrikorru ghal gurisprudenza lokali anke dik Civili peress illi l-principji huma l-istess.

Ikkunsidrat :

Fil-kawza l-ismijiet "George Micallef pro et noe kontra Gordon Cammenzuli", wiehed u ghoxrin (21) ta' Gunju, 1995 il-Prim Awla ghamlet referenza ghall-Artiklu 20 u 21 tal-Highway Code u sahqet illi meta pedestrian ikun qieghed jaqsam it-triq, fejn ikun hemm, ghandu dejjem juza is-subway jew zebra crossing, u ghandu jaqsam biss meta jkollu vizwali cara taz-zewg nahat tat-triq. Qalet ukoll li qabel jaqsam il-pedestrian ghandu jieqaf fuq il-bankina, jhares lejn il-lemin, imbaghad lejn ix-xellug u jerga lejn il-lemin u jaqsam biss meta fit-triq ma jkunx hemm karozzi. L-istess kienet qalet il-kawza "Anthony Callus vs George Grixti" deciza mill-Prim Awla fl-erbgha (4) ta' Gunju, 1992 u cioe' li pedestrian kellu joqghod ferm attent qabel ma jaqsam triq u kellu jaghmel hekk biss minghar ma jiehu riskji, kellu jistenna sakemm it-triq tkun libera peress li pedestrian m'ghandu l-ebda dritt jostakola l-perkors tat-traffiku, ghal kuntrarju ghandu d-dover li jcedi.

Stabbiliti dawn il-principji l-Qorti issa trid tara sa liema grad persuna tista tkun responsabli kriminalment meta tinvesti persuna fit-triq peress illi dan il-grad huwa differenti bejn ic-Civil u l-Kriminal.

Ikkunsidrat :

Il-Qorti taghmel referenza ghall-Arcibold fil-ktieb "Criminal Pleading Evidence and Practice" fejn intqal "Where death results in consequence of a negligent act, it would seem that, to create criminal responsibility, the degree of negligence must be so gross as to amount to recklessness . . . probably, of all the epithets that can be applied, reckless most nearly covers the case . . . . but whatever epithet be used, and whether an epithet be used or not, in order to establish criminal responsibility,

the facts must be such that . . . the negligence of the prisoner went beyond a matter of compensation between subjects and showed such disregard for the life and safety of others as to amount to a crime against the state and conduct deserving punishment..”. Ghalhekk, sabiex il-Qorti issib lill-appelata respnsabli ghal dan il-kaz kriminalment trid tara li l-agir taghha kien tali li; “Showed such disregard for the life and safety of others as to amount to a crime against the state and conduct deserving punishment.”

Ikkunsidrat.

Fil-gurnata u l-hin ta’ l-incident l-appellata kienet qieghda ssuq ghan-nizla b’liwja hafifa fuq ix-xellug, bi speed moderat u regolari ghal dawk l-inhawi. F’daqqa wahda tara ragel quddiemha qed jaqsam it-triq mill-lemin lejn ix-xellug fejn kien hemm “bus stop”, l-ewwel reazzjoni ta’ l-appellata kienet illi tigbed il-vettura lejn il-lemin halli aktar taghti opportunita lil pedestrian jibqa miexi fit-triq tieghu lejn ix-xellug, izda jidher illi l-pedestrian Castellano hawnhekk ippanikkja u kien erratiku fid-decizjoni tieghu. Xiedha okulari jghidu illi raw lil Castellano f’nofs it-triq qisu mifxul ma jafx fejn sejjer imur, raw lill-appellata taghmel manuvra ghan-nofs it-triq kwazi ghal go fihom li kienu qeghdin isuqu fil-karreggjata opposta biex tipprova tevita lir-ragel fit-triq, izda dan bil-fixla li kellu rega lura lejn il-lemin ghal nofs it-triq propju fil-passagg tal-vettura ta’ l-appellata li laqtitu u miet xi jiem wara kawza tal-griehi illi sofra.

Ikkunsidrat.

L-Avukat Generali argumenta illi l-appellata kellha tinstab hatja peress illi ma zammitx “a proper lookout”, ma ndunatx mall-ewwel bil-prezenza ta’ persuna fit-triq u meta ndunat imissha ghafset il-brake u mhux tiehu mizuri ohrajn, aktar u aktar meta rrizulta illi l-brejkijiet tal-vettura taghha kienu jiffunzjonaw kif suppost. Il-Qorti ma tahsibx illi dan l-argument ghandu jitfa xi dell fuq l-operat ta’ l-appellata.

Ikkunsidrat :

Jibda biex jinghad li l-appellata  rat lil-persuna taqsam it-triq meta kienet vicin hafna tieghu, l-prekawzjoni li hadet allura kien illi tigbed lejn il-lemin biex taghti aktar spazju lil din il-persuna tkompli sejra fit-triq taghha lejn ix-xellug. Mhijiex sitwazzjoni li bilfors trid taghfas il-brake u sakemm il-persuna jista jkompli jaqsam it-triq ma hemmx problemi u sewwieq jaghmel sew billi jigbed lejn il-lemin u jhalli lil persuna tkompli miexja lejn ix-xellug biex b’hekk il-karozza tghaddi minghar xkiel wara l-persuna. Gara pero’ illi Castellano propju f’dak il-mument illi kien qieghed f’nofs it-triq miexi fid-direzzjoni lejn ix-xellug wera ndecizjoni u tfixkel u flok ma baqa’ sejjer lejn ix-xellug rega’ lura lejn il-lemin propju ezatt fil-karreggjata ta’ l-appellata li f’dak il-mument kien tard wisq biex tevita l-incident. Kontrarjament ghal dak illi allega l-Avukat Generali, jekk kien hemm xi hadd illi kien konfuz f’din vicenda kien propju l-midrub Castellano u mhux l-appellata, dan l-agir ta’ l-appellata ma jurix “Disregard for the life and safety of others”, anzi,  skont ic-cirkostanzi ghamlet illi setghet biex tevita dan l-incident illi kien ikkawzat minhabba l-prezenza ta’ Castellano f’nofs it-triq u l-istat konfuzjonarju tieghu f’dak il-mument illi ma kienx jaf f’liema direzzjoni kellu jibqa jimxi.  Ghalhekk din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni ta’ l-ewwel Qorti u l-argumenti illi gabet u mhux il-kaz illi tiddisturba dik il-konkluzjoni.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------